MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (SEDE CIVILI) MALTA

## MAGISTRAT DR. APAP BOLOGNA JOSEPH A. B.A., LL.D.

Seduta ta' 09 ta' Ottubru, 2002

Avviz Numru. 737/2001/1

**Elmo Insurance Agency Limited, in rappresentanza tas-socjeta' estera Royal & Sun Alliance Insurance plc, cessjonarja tad-drittijiet u obbligi tas-socjeta' estera Sun Alliance & London Insurance plc, surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha John's Garage Ltd u l-istess John's Garage Ltd.**

**vs**

**Errol Grech**

Il-Qorti,

Wara li rat it-talbiet tas-socjeta attrici nomine et ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma komplessiva ta' elf seba' mija tnejn u ghoxrin lira tlieta u sebghin centezmu (Lm1722.73c) (Lm1620.08c lis-socjeta attrici Elmo Insurance Agency Limited noe u Lm102.65c lis-socjeta attrici John's Garage Ltd) in linea ta' danni mill-konvenut ikkagunati u minnhom sborsati in segwitu ghal incident awtomobilistiku li gara Zejtun fis-17 ta' Settembru

2000, meta waqt li l-konvenut kien qed isuq vettura Nru CAE 774 habat mal-vettura Nru IAK 062 propjeta’ tas-socjeta attrici John’s Garage Ltd. li kienet ipparkjata – prevja dikjarazzjoni li ghal dan l-incident il-konvenut kien unikament responsabbli minhabba imprudenza, imperizja, negligenza u inosservanza tar-regolamenti.

Bl-ispejjes, komprizi dawk tal-ittra ufficjali tal-10 ta’ Mejju 2001 u dawk tal-ittra ufficjali prezentata mal-avviz ghan-notifika tal-assikurazzjoni tal-konvenut a tenur tal-Kap 104 tal-Ligijiet ta’ Malta u bl-imghax legali mill-10 ta’ Mejju 2001, kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Wara li rat in-Nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta’ attrici nomine et sabiex il-konvenut jwiegeb ghalihom bil-gurament, b'hekk l-istess talbiet u spejjes jigu ppruvati (Art 698 u 702 (3) (b) Proc Civili).

Billi ghalkemm notifikat regolarment, il-konvenut naqas u ma deherx fil-25 ta’ Settembru 2002 meta gew prezentati l-kapitoli u lanqas llum, in-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Tiddeciedi billi tilqa t-talbiet attrici u tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lis-socjeta’ attrici nomine s-somma ta' Lm1620.08,0 u lis-socjeta attrici l-ohra, John’s Garage Ltd, is-somma ta’ Lm102.65,0 komplessivament Lm1722.73,0 bl-imghax legali mill-10 ta’ Mejju 2001 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittri ufficjali tal-10 ta’ Mejju 2001 u tat-13 ta’ Awissu 2001 imsemmija fl-istess avviz.

Lorianne Camilleri
Deputat Registratur